# Inpoġġu l-Assessjar Inklużiv fil-Prattika

Il-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali tat importanza kbira lill-użu tal-assessjar f'ambjenti inklużivi bħala qasam importanti għall-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva b'mod ġenerali. Hija ħaġa ċara li l-politika u l-prattika tal-assessjar jistgħu jkollhom effett fuq l-opportunitajiet edukattivi tal-istudenti kollha u ħafna drabi jinfluenzaw l-esklużjoni jew l-inklużjoni fl-iskejjel *mainstream*.

Waħda mill-isfidi ewlenin li l-pajjiżi Ewropej qegħdin jiffaċċjaw fi żminijietna għandha x'taqsam mal-iżviluppar ta' proċeduri u sistemi ta' assessjar li jħaffu aktar milli jtellfu l-inklużjoni. Il-pajjiżi kollha qegħdin jaħdmu biex jassiguraw li l-*policies* tal-assessjar tagħhom, il-proċeduri u l-prattika ikunu kemm jista' jkun inklużivi.

L-għan tal-materjal f'dan il-pakkett huwa li jipprovdi lil dawk li jibnu l-politika, u lil dawk li jpoġġuha fil-prattika, materjal u riżorsi ta' informazzjoni li jesploraw kif jista' jitħaddem assessjar li jsostni l-inklużjoni.

Il-materjal f'dan il-pakkett kien kollu ppreparat bħala riżultat tal-proġett tal-Agency dwar l-Assessjar f'Ambjenti Inklużivi u kien jinvolvi esperti minn 25 pajjiż – l-Awstrija, il-kommunitajiet li jitkellmu l-Fjamming u l-Franċiż fil-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Dannimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Bundesländer Ġermaniż, il-Greċja, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugal, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales).

L-ewwel fażi tal-proġett eżaminat il-politika u l-prattika għall-assessjar f'ambjenti inklużivi. Wieħed jista' jsib x'ħareġ f'din l-ewwel fażi tal-proġett f':
http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml

Dawn jinkludu 23 Rapport tal-Pajjiż (*Country Reports*) li jiddeskrivu l-politika u l-prattika tal-assessjar, web ta' database ta' tagħrif dwar il-pajjiż, u rapport fil-qosor tal-aspetti ewlenin li nstabu, f'19-il lingwa.

L-ewwel fażi tal-proġett fl-aħħar wasslet għal dak li jintqies bħala assessjar inklużiv. Dan ġie definit bħala:

> *Mod kif wieħed iħares lejn l-assessjar f'ambjenti, hekk magħrufa bħala mainstream, fejn il-politika u l-prattika huma ddisinjati biex jippromwovu t-tgħallim tal-istudenti kollha kemm jista' jkun. L-għan aħħari tal-assessjar inklużiv huwa li l-politika u l-proċeduri tal-assessjar, kollha flimkien, għandhom isostnu u jtejbu l-inklużjoni b'suċċess. Din l-inklużjoni tinkludi fiha s-sehim sħiħ ta' dawk l-iistudenti li għandhom ċans jiġu esklużi, fosthom dawk bl-SEN.*

L-assessjar inklużiv huwa kkonsidrat bħala għan importanti għal policy makers fl-edukazzjoni. Argument ċentrali huwa li l-prattika ta' assessjar inklużiv għandha twassal għal prattika ta' assessjar ġenerali u li:

*Il-prinċipji ta' assessjar inkluživ huma prinċipji li jissaportjaw it-tagħlim ta' l-istudenti kollha. Il-prattika ta' assessjar inkluživ innovattiv juri prattika tajba ta' assessjar għall-istudenti kollha.*

L-assessjar inkluživ b'mod miftuħ u ċar għandu l-għan li jippreveni t-tifrid, billi jeħles (kemm jista' jkun) minn forom ta' llejbiljar, u billi jiffoka fuq it-tgħallim u l-prattika tat-tagħlim li jippromwovu l-inklużjoni f'ambjent *mainstream*.

L-assessjar inkluživ jista' jiġi rrealizzat biss f'qafas ta' politika f'postha u bl-organizzazzjoni f'postha ta' skejjel u s-sostenn ta' għalliema li jkollhom attitudni pożittiva lejn l-inklużjoni.

It-tieni fażi tal-proġett tal-Agency jeżamina kif l-assessjar inkluživ jista' jitqiegħed fil-prattika billi jesplora tliet temi li jmorru ma' xulxin: is-sostenn tal-għalliema; l-organizzazzjoni tal-iskejjel kif ukoll metodi u għodod li għandhom jgħinu biex jiġu involuti 'atturi' differenti fi proċessi ta' assessjar.

Kull wieħed minn dawn id-dokumenti f'dan il-pakkett jippreżenta sinteżi tal-informazzjoni minn aspetti differenti, bil-għan li l-assessjar inkluživ jitqiegħed fil-prattika:

- Rakkomandazzjonijiet għall-politika li ssostni assessjar inkluživ;
- Indikaturi ġenerali għall-politika u l-prattika;
- Assessjar *għat*-tgħallim;
- Aspetti ewlenin għall-twettiq fil-prattika l-assessjar ta' xeħta inkluživa.

*Wieħed jista' jikseb, l-isfond, verżjonijiet sħaħ u saħansitra materjal estensiv dwar kull wieħed minn dawn id-dokumenti mill-websajt tal-proġett.*

L-informazzjoni kollha fuq Assessjar fil-proġett tal-Agency f'Ambjenti Inkluživi tinkludi d-dettalji ta' fejn wieħed jista' jikkuntattja l-Esperti Nazzjonali li kkontribwew għal dan ix-xogħol. Dawn jistgħu jinstabu:
http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml

Ta' min jgħid ukoll li din l-informazzjoni wieħed jista' jsibha bħala riżorsi f'*database* għall-assessjar *on-line* ma' *links*, astratti kif ukoll *downloads* ta' materjal u għodod għall-għalliema, riċerkaturi u professjonisti oħra fl-indirizz elettroniku: http://www.european-agency.org/assessment/resourceguide

Aktar tagħrif fuq il-European Agency for Development in Special Needs Education jista' jinstab:


**Secretariat**
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: + 45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**Brussels Office**
3, Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: + 32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org


**www.european-agency.org**